# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 8**

**Rikors Numru: 161/2021/1TA**

**John Tanti**

**v.**

**Luke Anthony Saliba**

**Il-Qorti:**

1. Din il-kawża hija dwar inċident stradali li seħħ fit-12 ta' Mejju, 2017 f'San Ġiljan, meta l-attur safa' mtajjar minn mutur tal-għamla Yamaha-T110 (nru. ta' reġistrazzjoni HQZ-498) misjuq mill-konvenut. Permezz ta' din l-azzjoni li l-attur beda fl-24 ta' Frar, 2021 huwa talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«(i) Tiddikjara li għall-inċident jaħti unikament il-konvenut;*
> *(ii) Tillikwida d-danni sofferti minnu kemm f'damnum emergens u kif ukoll f'lucrum cessans; u*

*(iii) Tikkundanna lill-konvenut iħallsu d-danni hekk likwidati.»*

2. Permezz ta’ sentenza mogħtija fis-16 ta’ Mejju, 2023, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili rriżultalha li għall-inċident kienu jaħtu kemm il-konvenut kif ukoll l-attur, u dan fis-sehem ta’ 80% u 20% rispettivament, u ordnat lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur is-somma ta’ €9,791 bħala danni *lucrum cessans*, bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv. L-Ewwel Qorti ma rriżultalhiex li kien hemm telf attwali (*damnum emergens*). Fl-aħħar nett l-Ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż tal-kawża kellhom jinqasmu fil-proporzjon ta’ 80% u 20% skont ir-responsabiltà tal-ħtija.

3. Il-konvenut ħassu aggravat b’tali deċiżjoni u għalhekk fil-15 ta’ Ġunju 2023 ressaq appell quddiem din il-Qorti fejn talabha tirriforma s-sentenza appellata billi: (i) <u>fir-rigward tar-responsabbiltà</u> tiddikjara li huwa ma kellu l-ebda ħtija għaliex għall-inċident kien jaħti biss l-attur; u biex fl-agħar ipotesi, tnaqqas sostanzjalment il-perċentwal ta’ 80% attribwita lilu bħala ħtija; (ii) u <u>fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni</u>, filwaqt li tikkonferma li m’hemm l-ebda danni emergenti (*damnum emergens*) x’jiġu likwidati favur l-attur appellat, tvarja l-elementi tal-*lucrum cessans,* senjatament għal dak li jirrigwarda l-*multiplier* (jiġifieri l-introjtu annwali) u dan fid-dawl ta’ dak sottomess, fejn għall-bqija tal-komputazzjoni tikkonferma l-kriterji applikati mill-Ewwel Qorti.

4. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell din il-Qorti ser tirriproduċi dawk il-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata.

*«Il-Qorti:*

*Rat ir-rikors ġuramentat ta' John Tanti (l-Attur) tal-24 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:*

*1. Illi nhar it-12 ta' Mejju, 2017, ir-rikorrent, waqt il-qadi ta' dmirijietu ġewwa San Ġiljan, preċiżament fl-indirizz Dama di Picche, Triq il-Baltiku, San Ġiljan, safa' mtajjar mill-intimat li kien qiegħed isuq mutur tal-għamla Yamaha-T110 bit-targa ta' reġistrazzjoni HQZ-498; (ara piers report datat it-12 ta' Mejju, 2017 hawn anness u mmarkat Dok A);*

*2. Illi b'riżultat dirett ta' dan l-inċident stradali, ir-rikorrent ġarrab korriment gravi u debilanti għad-dannu tal-persuna tiegħu kif jirriżulta mir-rapport mediku mħejji mill-konsulent ortopediku Mr. Massimo Abela fejn ir-rikorrenti ġie ċċertifikat illi sofra debilità permanenti ta' 4%; (ara rapport mediku tal-konsulent ortopediku Mr. Massimo Abela datat il-5 ta' Marzu, 2020 hawn anness u mmarkat Dok B);*

*3. Illi bħala konsegwenza diretta ta' dan l-inċident, ir-rikorrent ġarrab danni ta' natura emerġenti (damnum emergens) kif ukoll danni futuri (lucrum cessans) u dan kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-kors tal-kawża;*

*4. Illi għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni, il-ħtija hija unikament imputabbli lill-intimat u dan minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll a tenur tal-* ***Artikolu 1031*** *u l-***Artikolu 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta***;*

*5. Illi minkejja li l-intimat kien interpellat diversi drabi, anke permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 28 ta' Frar, 2019 u 16 ta' Frar, 2021 rispettivament, l-intimat baqa' inadempjenti u għaldaqstant ir-rikorrent ma kellu l-ebda għażla għajr illi jintavola din il-kawża.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti qiegħed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi l-intimat Luke Anthony Saliba huwa unikament responsabbli għall-inċident illi seħħ fit-12 ta' Mejju, 2017 hawn fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab ir-rikorrent;*

*2. Tillikwida, occorrendo, permezz ta' periti nominandi, id-danni sofferti mir-rikorrent konsistenti kemm f'damnum emergens u kif ukoll lucrum cessans;*

*3. Tikkundanna l-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tat-28 ta' Frar, 2019 u 16 ta' Frar, 2021 u bl-imgħax legali fuq it-telf ta' introjtu subit mir-rikorrent hawn fuq indikat b'effett mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf sad-data tal-pagament effettiv u bl-imgħax legali fuq il-bqija tad-danni likwidati skont il-liġi kontra l-intimat li huwa inġunt minn issa in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta ġuramentata ta' Anthony Luke Saliba (il-konvenut) tad-9 ta' April 2021 li permezz tagħha ppremetta u talab is-segwenti:*

*1. Illi l-ewwel talba rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda stante li l-inċident awtomobilistiku de quo ma kienx imputabbli għal xi ħtija jew nuqqas da parti tal-esponent iżda seħħ unikament bi ħtija u negliġenza da parti tar-rikorrent innifsu.*

*2. Hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, ir-rikorrent, b'imprudenza grassa, ħoloq emerġenza subitanea li rrendiet impossibbli li tittieħed azzjoni tempestiva evażiva. Li wieħed jagħmel xogħlijiet f'nofs ta' triq, fid-dlam, u mingħajr ebda senjaletika għall-utenti l-oħra tat-triq huwa mhux biss nuqqas gravi fil-ħarsien tar-regolamenti tat-toroq iżda illoġiku u kuntrarju għall-buon sens.*

*3. Illi, di più, hekk kif ser jirriżulta ppruvat mill-provi li ser jiġu prodotti fil-perkors ta' dawn il-proċeduri, fil-mument tal-impatt, l-esponent kien qiegħed isuq b'mod korrett u għaqli, entro l-parametri ta' veloċità tal-imsemmija triq.*

*4. Illi jsewgi għalhekk li t-tieni talba tar-rikorrent għandha wkoll tiġi riġettata billi m'hemmx danni x'jiġu likwidati favurih stante li l-esponent m'għandux ikun tenut iħallas l-ebda ammont in linea ta' danni lill-istess rikorrent, liema danni, del resto, jeħtieġu li jiġu ppruvati skont il-liġi.*

*5. Konsegwentement it-tielet talba rikorrenti għandha wkoll tkun miċħuda billi l-esponent m'għandux jiġi kkundannat iħallas l-ebda danni lir-rikorrent u dan għar-raġunijiet premessi.*

*6. Salv eċċezzjonijiet oħra premessi fil-liġi u bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.*

*Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-Kawża;*

*Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;*

*Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.*

***Punti ta' fatti***

*Dan huwa inċident stradali li seħħ fit-12 ta' Mejju 2017 f'San Giljan fil-għaxija meta l-Attur u oħrajn kienu qegħdin jagħmlu xi xogħol f'din it-Triq konsistenti f'installazzjoni ta' apparat ta' traffic count. Fil-ħin tal-inċident,*

*ġej minn din it-Triq fid-direzzjoni ta' Pembroke, il-konvenut li kien qiegħed isuq mutur bin-numru tat-targa HQZ-498. Xogħlu kien dak ta' delivery tal-ikel.*

*Il-konvenut laqat lill-Attur bil-konsegwenza li dan sofra xi debilitajiet permanenti. Il-konvenut isostni li ma ra lil ħadd u li t-triq kienet mudlama. Għalkemm interpellat biex jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-Attur, dan baqa' inadempjenti biex għalhekk kellha ssir din il-Kawża.*

***Punti ta' Liġi***

*Kif anke jippremetti l-Attur fir-rikors ġuramentat tiegħu l-azzjoni esperita hija fost oħrajn abbażi tal-**artikoli 1031** u **1032 tal-Kodiċi Ċivili**. Dawn iż-żewġ artikoli jiddisponu hekk:*

***1031**. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Meta persuna titqies li hija fi ħtija.*

*u*

***1032**. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, iddiliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

*Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni għalhekk huma diretti sabiex jimputaw culpa aquiliana lill-konvenut, għad-danni li l-Attur jallega li soffra u qed isofri konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab fuq il-persuna tiegħu f'dan l-inċident.*

***…omissis…***

***Konsiderazzjonijiet***

***…omissis…***

*Dan huwa tagħlim pariment applikabbli anke għall-persuni li jkunu qegħdin jaħdmu fit-triq. Il-ħaddiema tat-toroq, għalkemm jagħmlu xogħol lodevoli u tant neċessarju, ma jgawdux xi privileġġ speċjali fis-sens, li huma għal kollox eżenti mill-obbligu li jieħdu dawk il-prekawzjonijiet kollha neċessarji biex jissenjalaw il-preżenza tagħhom fit-triq lit-traffiku li jkun ġej.*

*B'danakollu din il-Qorti tikkunsidra, li mill-punt minn fejn ħareġ il-konvenut sakemm wasal fejn kien qiegħed jaħdem l-Attur, kien hemm medda twila ta' triq li kienet tippermettilu jintebaħ bil-preżenza tal-Attur u sieħbu. Mill-provi jirriżulta, li li dawn it-tnejn minn nies kienu lebsin fluorescent vests u l-ewwel darba li Anthony Calleja lemaħ il-mutur kien xi mitt metru 'l bogħod, distanza li hija korroborata mir-ritratti tal-aerial views tat-triq, esibiti mill-partijiet.*

*Il-Qorti temmen ukoll li l-imsemmi Anthony Calleja, li kien qiegħed jieħu ħsieb l-kontroll tat-traffiku tassew kellu xorta ta' torċ LED li beda jagħmel sinjali bih, dan ix-xhud jgħid ukoll li, "Kemm domna naħdmu t-tubu forsi għaddew għaxar karrozzi, kollha naqsu jew waqfu" (a fol 54). Dan ifisser, li l-konvenut biss baqa' jgħid li ma ra xejn għaliex kien id-dlam, għalkemm anke dwar dan il-fatt, hemm verżjonijiet kontrastanti bejn il-partijiet (a fol 88).*

*In kontroeżami, f'mument minnhom, il-konvenut jgħid, "Jekk niftakar sewwa dan kien qiegħed jagħmilli sinjal bil-mobile" (a fol 99 tergo). Ftit wara jsostni mod ieħor u jgħid li rrepeta dak li qallu il-Pulizija (a fol 100 tergo). Il-Qorti temmen, li l-konvenut tassew lemaħ lil Anthony Calleja jagħmel sinjal. Ma kien hemm ebda raġuni għalfejn sewwieqa oħrajn rawh iżda hu le. Id-dlam mhux xi forma ta' skużanti, iżda pjuttost ċirkostanza li tgħabbi lis-sewwieq bl-obbligu li jieħu l-massimu ta' prekawzjonijiet biex jevita ostakoli inaspettati li jaf iġib miegħu d-dlam li n-nhar ma jġibx.*

*Il-Qorti temmen li għalkemm jista' jkun li ma lemaħx mill-ewwel lill-Attur fit-triq, il-verità hi li l-konvenut kien miexi b'veloċità li ma ppermettitlux jagħmel azzjoni evażiva f'waqtha biex ma jseħħx l-inċident. Dan jirriżulta wkoll mill-fatt, li baqa' jkaxkar miegħu lill-Attur għal ben erba' metri. Anthony Calleja jispjega li, "Xejjirt it-torċ bħalma kont qed nagħmel għall-vetturi l-oħrajn u ma tax kas u baqa' ġej viċin t'hawnhekk imma ħadha bid-dawra lejn iċ-ċentru tat-triq…. xejn ma tax kas, għedtlu John dan mhux jagħti kas … u inxejjirulu bit-torċ għalxejn".(a fol 52). Di più l-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut f'ebda ħin ma ra tal-inqas il-luminous vests li kienu lebsin ta' kulur aħdar u oranġjo meta anke mutur għandu headlamp.*

*B'danakollu l-Qorti temmen ukoll li l-Attur u sieħbu ma jistgħux ikunu eżonerati għalkollox mill-inċident. Veru li kienu lebsin il-vests u veru wkoll li wieħed minnhom kellu torċ biex jagħmel is-sinjali. Iżda t-triq kienet twila biżżejjed li tippermetti li f'ċertu distanza minn fejn kienu qegħdin jaħdmu setgħu għamlu* ***triangle*** *u* ***cones*** *biex jagħtu preavviż raġonevoli lill-oncoming traffic bil-preżenza tagħhom fit-triq.*

*In kontroeżami Calleja jgħid li f'postijiet oħra kienu joħorġu cones, "iżda f'din it-triq ma kienx hemm għalfejn għax konna litteralment mat-triq" (a fol 58). Apparti li mhux minnu li kienu litteralment mat-triq, dan l-argument ma jagħmel ebda sens partikolarment meta kienu jafu li x-xogħol kellu jsir bil-lejl. Għalkemm il-preżenza tas-senjaletika mhux bil-fors setgħet tevita inċident, ċertament kienet tkun salvagwardja aktar effettiva barra l-vests u torċ. Di fatti taħt it-titolu ta' Road Works, il-Highway Code, f'regolament 262 jinsisti mas-sewwieq li, "Do not drive through an area <u>marked off by traffic cones."</u> (Enfasi tal-Qorti). Għalkemm din il-parti tal-Code tindirizza lis-sewwieq, impliciter tfisser ukoll, li min ikun qed jaħdem fit-triq huwa mistenni li jippożizzjona dawn il-cones.*

*Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, l-Attur għandu jitqies li hu wkoll ikkontribwixxa jew ta' okkażjoni għall-inċident fis-sens kif irid l-**artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili** li jiddisponi hekk:*

> *"Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu kkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni."*

***…omissis…***

*Ma hemm ebda dubbju li kieku l-Attur ħa ħsieb li tqegħdet senjalitika aktar effettiva, l-inċident seta' possibilment ikun evitat. Għalhekk minħabba dan in-nuqqas ġie li kkontribwixxa għall-ħsara li sofra.*

*Meta qieset iċ-ċirkostanza kollha tal-każ, il-Qorti tħoss li l-Attur għandu jassorbi 20% tal-ħtija mentri 80% fil-mija l-oħra jirrappreżentaw ħtija u tort tal-konvenut.*

*Għalhekk issa jmiss li jkunu likwidati d-danni.*

***Likwidazzjoni tad-danni***

*Kif jistabilixxi l-**artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili** l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-<u>telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara</u>, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-<u>telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem</u>, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib. Għalhekk id-danni dejjem ġew klassifikati f'dawk li huma damnum emergens, jiġifieri telf attwali u effettiv u lucrum cessans, jiġifieri telf fil-futur.*

*<u>Damnum emergens</u>*

*Dwar dan l-aspett ta' danni ma nġabet ebda prova. Għalkemm fin-nota ta' osservazzjonijiet l-Attur jirriklama s-somma ta' €4,146.24 għaliex jingħad li għamel xi xhur fejn huwa ma ħadimx, ma hemm ebda prova li tissufraga din l-asserzjoni. Għalhekk f'dan ir-rigward din il-Qorti ma hi ser tagħti ebda danni.*

*<u>Lucrum cessans</u>*

***…omissis…***

*Fil-każ li għandha quddiemha d-diżabbiltà tal-Attur, skont Massimo Abela hija ta' 45%* **<u>(RECTE: 4%)</u>** *(a' fol 16). Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021 l-konvenut qabel ma' dan ir-rapport (a' fol 45). Għalhekk ma kienx*

*hemm ħtieġa li din il-Qorti taħtar perit mediku tagħha fid-dawl ta' qbil bejn il-partijiet.*

***…omissis…***

*Fid-data tal-inċident l-Attur kellu 49 sena għaliex twieled fl-1968 u l-inċident seħħ fit-12 ta' Mejju 2017(a fol 65). Ma jidhirx li kellu xi mard ta' natura kronika li setgħu kienu determinanti fuq il-lonġevità ta' ħajtu. Għalhekk abbażi tal-prinċipji fuq enunċjati ser tqis il-multiplier sal-65 (sena pensjonabbli) li jwassal għal 16 sena.*

*Kwantu għal-lump sum payment, Ii-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%.*

***…omissis…***

*Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-Kawża jidhrilha li l-perċentwali ta' 18% bħala lump sum payment ikun ġust, ikkunsidrat ukoll li l-kawża ma tantx damet.*

*Il-bażi tal-kalkolu tad-danni huwa dejjem l-introjtu tal-konvenut fil-mument tal-inċident. Għal dan l-iskop din dejjem ttieħed inkwistjoni. F'każ ta' ħaddiem is-salarju tiegħu u f'każ ta' self employed, l-aħjar prova hija dejjem ir-return tal-income tax. Iżda f'din il-Kawża, il-Qorti m'għandha ebda prova dwar l-introjtu minkejja dak li jissemma mill-Attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu. L-anqas ħass li għandu jixhed u wisq anqas ressaq prova reali u konkreti bħal pereżempju FSR3s, lill-employer tiegħu jew xi return ta' taxxa.*

*F'sitwazzjoni bħal din ma jfissirx li l-Qorti għandha tiskarta għalkollox l-għotja ta' somma ta' telf ta' qligħ futur. Jekk tagħmel hekk, tkun qed twettaq inġustizzja għaliex ma għandu jkun hemm ebda dubbju ta x'danni sofra l-Attur. In-nuqqas ta' prova tal-kwantum tal-qligħ, ma jipprekludix lil din il-Qorti milli tillikwida d-danni, basta l-kriterju użat ikun wieħed raġonevoli għaliex wara kollox kien jispetta lill-Attur jippreċiża x'kien l-introjtu tiegħu.*

*Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma, li għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwittativa, għalkemm din trid dejjem tinżamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-**artikoli 1135** u **1045 tal-Kodiċi Ċivili** (Ara Sentenza fl-ismijiet **Margaret Camilleri et v. The Cargo Handling Co Ltd** deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004). Dawn il-Qrati dejjem għallmu, li ma jistax ikun ddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligħ bl-applikazzjoni tal-prinċipju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittativa. F'deċiżjoni li tinsab **Vol. XXXV P. III p.615 tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati,** ġie ribadit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni fejn qalet li, "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al Magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e*

*coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato."*

*Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-Attur jgħid li huwa surveyor. L-unika prova li għandna f'dawn ir-rigward huwa r-rapport mediku ta' Mr. Massimo Abela fejn jindika li l-Attur huwa surveyor (ara a fol 12). Imma għall-Qorti dan mhux biżżejjed. Ma jispettax lill-Qorti tgħid kemm jaqla' surveyor meta ma jitressqu ebda provi f'dan ir-rigward. Għalhekk il-Qorti ser tqis x'kienet il-paga medja fis-sena tal-inċident u taħdem fuq dan. Minn riċerka li għamlet il-Qorti jirriżultalha li din kienet ta' ċirca tnejn u għoxrin elf fis-sena. Għalhekk huwa fuq dan l-ammont li ser taħdem id-danni.*

*Di più l-Qorti hija tal-fehma li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa, ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet.*

***…omissis…***

*Issa ir-rata ta' inflazzjoni għas-sena 2022 kienet ta' ċirka 6% skont il-Bank Ċentrali ta' Malta. L-ammont li ser jingħata huwa fuq medda ta' ħdax-il sena. Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li jekk l-ammont li ser ikun likwidat jiġi miżjud b'6% biex jagħmel tajjeb għall-inflazzjoni tkun ħaġa ġusta. Fuq medda ta' sittax-il sena (il-multiplier f'din il-Kawża) ikun ġust għalhekk li is-somma finalment tiżdied b'6%.*

*Għalhekk il-likwidazzjoni tad-danni hija hekk: €22,000 (paga medja) // 16 (snin ta' ħajja) = €352,000 - 18%(lump sum) = €288,000 // 4% (rata diżabilita' permamenti) = €11,546 + €692 (6% inflazzjoni) = €12,238.*

*Issa kif ingħad aktar 'il fuq, tmenin fil-mija (80%) biss ta' dan l-ammont huwa dovut, stante l-kontributorjetà tal-Attur għall-inċident imsemmi. Għalhekk l-ammont finali huwa dak ta' €9,791.*

*Kif ingħad aktar 'il fuq, ma rriżultax li kien hemm xi telf attwali (damnum emergens).*

***Decide***

*Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:*

***Tilqa' l-ewwel talba Attriċi*** *u tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident mertu tal-Kawża fil-proporzjon ta' tmenin fil-mija 80% u konsegwentement kif ukoll għad-danni sofferti mill-Attur f'dan il-proporzjon.*

***Tilqa' t-tieni talba Attriċi*** *u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' disat elef seba' mija u wieħed u disgħin ewro (€9,791).*

> ***Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.*
>
> *Spejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu bejn il-partijiet fil-proporzjon fuq imsemmi.»*

**<u>Rikors tal-appell tal-konvenut appellant:</u>**

5. L-aggravji tal-konvenut appellant, fil-qosor, huma dawn li ġejjin:

i **<u>fl-ewwel lok</u>** isostni li l-Ewwel Qorti kellha teżonerah minn kull responsabbiltà għall-inċident, jew fl-agħar ipotesi tixħet responsabbiltà fuq l-attur appellat fi grad ogħla minn dak ta' 20%; u

ii **<u>fit-tieni lok</u>**, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, jilmenta bil-fatt li fil-kalkolazzjoni tad-danni *lucrum cessans* magħmula mill-Ewwel Qorti, hija qabdet u qieset is-somma ta' €22,000 bħala l-qligħ annwali tal-attur, liema figura ma tirriżultax mill-provi.

Isostni minflok li l-Ewwel Qorti messha għamlet il-komputazzjoni tad-danni fuq il-paga minima nazzjonali għas-sena li fiha seħħ l-inċident, jiġifieri ta' **€8,148.48**.

**<u>Risposta tal-appell tal-attur appellat:</u>**

6. L-attur wieġeb biex jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex din il-Qorti

għandha tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

<u>L-ewwel aggravju</u>*: responsabbiltà għall-inċident*

7. L-Ewwel Qorti qieset li għall-inċident inkwistjoni, fejn il-konvenut tajjar lill-attur waqt li dan kien qiegħed jinstalla apparat ta' *traffic count* fit-triq, kienu jaħtu kemm il-konvenut kif ukoll l-attur, u dan fi proporzjon ta' 80% u 20% rispettivament.

8. Sa fejn jolqot il-konvenut l-Ewwel Qorti kkonkludiet li dan kellu jġorr responsabbiltà ta' 80% wara li qieset dawn il-fatturi li ġejjin:

- mill-punt fejn ħareġ il-konvenut sakemm wasal fejn kien qiegħed jaħdem l-attur u l-kollega tiegħu (Calleja) kien hemm medda twila ta' triq li kienet tippermettilu jintebaħ bil-preżenza tagħhom;
- Calleja kien qiegħed ixejjer LED *torċ* lejn it-traffiku riesaq lejhom; ma kienx hemm raġuni għalfejn sewwieqa oħra rawh jagħmel is-sinjal u l-konvenut le;
- l-attur u Calleja kienu lebsin *luminous vests;*
- il-mutur tal-konvenut għandu *headlamp* u għalhekk "*ma tistax tifhem*" kif il-konvenut fl-ebda ħin ma ra tal-anqas il-*luminous vests* tal-attur u ta' Calleja;
- il-konvenut kien miexi b'veloċità li ma ppermettitlux jagħmel azzjoni evażiva: tant jidher li kien għaddej b'velocità li meta laqat lill-attur baqa' jkaxkar miegħu għal ben erba' metri.

9. Sa fejn jolqot l-attur, l-Ewwel Qorti kkonkludiet li dan kellu jġorr 20% tar-responsabbiltà, wara li qieset li minkejja li t-triq fejn hu u Calleja kienu

qegħdin jaħdmu kienet twila biżżejjed, biex tippermetti li jagħmlu *triangle* u *cones* ħalli jagħtu preavviż lill-"*oncoming traffic*" tal-preżenza tagħhom fit-triq, tali senjaletika ma tqegħditx.

10. Il-konvenut ħassu aggravat b'tali konklużjoni u jilmenta bil-fatt li minkejja li l-Ewwel Qorti irriteniet li, "*ma hemm l-ebda dubju li kieku l-attur ħa ħsieb li tqegħdet senjaletika aktar effettiva, l-inċident seta' possibilment ikun evitat*"[1] hija "sorprendentement" ikkonkludiet li l-attur kellu jassorbi biss 20% tal-ħtija.

11. Il-konvenut appellant minflok isostni li kien l-attur stess li ħoloq okkażjoni għall-ħsara, meta għażel li jesegwixxi xogħol f'nofs ta' karreġġata ta' triq pubblika, f'pożizzjoni kokka, fid-dlam, f'parti tat-triq fejn m'hemmx dawl pubbliku, u mingħajr ma ħa l-prekawzjonijiet bażiċi sabiex jagħti preavviż lill-konduċenti tat-triq dwar il-preżenza tiegħu. Jargumenta li fiċ-ċirkostanzi l-*fluorescent vests,* li kienu lebsin l-attur u l-kollega Calleja, u d-dawl tal-*mobile* li bih Calleja kien qiegħed jidderiġi t-traffiku, ċertament li ma jistgħux jitqiesu bħala senjaletika effettiva. Iżid jgħid li l-Ewwel Qorti kienet qiegħda tagħmel "*purament assunzjonijiet*", meta rriteniet li huwa kien għaddej b'veloċità u meta qalet li "*temmen*" li huwa tassew kien lemaħ lil Calleja jagħmel sinjal għaliex ladarba rawh vetturi oħra ma kienx hemm raġuni għalfejn ma jarahx hu.

[1] Enfasi tal-konvenut appellant.

12. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi dwar id-dinamika tal-inċident.

13. Skont ir-rapport tal-Pulizija[2], il-verżjonijiet mogħtija dakinhar tal-inċident *a tempo vergine* kienu dawn:

(i) <u>Il-konvenut Luke Anthony Saliba:</u>

*«Kont għaddej minn quddiem l-ITS, kien hemm żewġ persuni f'nofs ta' triq bla dawl. Jien ma rajthomx u tajjar*(t) *lil wieħed minnhom.»*

(ii) <u>L-attur John Tanti:</u>

*«Konna qegħdin inwaħħlu t-traffic counters, wasalna daqs żewġ metri mill-bankina għan-nofs ta' triq, il-kollega tiegħi Chris kien qiegħed jidderiġi t-traffiku fejn fil-pront qalli ara ġej il-mutur u tajjarni.»*

(iii) <u>Christian Calleja, il-kollega tal-attur:</u>

*«Għat-8.30hrs konna qegħdin inwaħħlu t-traffic counters. Jiena kont qed nidderiġi t-traffiku. Kien ġej mutur u għamiltlu sinjal biex jislowja l-mutur. Ix-xufier tal-mutur baqa' ġej għal fuqna u tajjar lil kollega tiegħi John.»*

14. Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2021 tela' jixhed il-Pulizija PC901 Christopher Attard prodott mill-attur. Spjega li ma kellux kopja tar-rapport, li normalment jiġi esibit mis-surġent. Qal li fit-12 ta' Mejju 2017, l-Għassa ta' San Ġiljan kienet ġiet infurmata li kien seħħ inċident u għalhekk kienu mar fuq il-post. Qal li kemm l-attur, kif ukoll il-kollega tiegħu Calleja, kienu lebsin il-*fluorescent vests,* «*iżda fit-triq huma ma kellhom l-ebda indikazzjoni ta' xi tabelli jew cones li jistgħu jindikaw li hemmhekk qed*

[2] Dok A, *fol* 5 *et seq*. Tali rapport (datat 12 ta' Mejju 2017) ġie esibit mar-rikors ġuramentat tal-attur.

*isiru x-xogħlijiet…»* Mistoqsi kienx hemm bozza tal-Gvern fit-triq qal li ma jiftakarx, però enfasizza kemm-il darba fix-xhieda tiegħu li t-triq «*kienet mudlama*.» Għalkemm ma saritlu l-ebda domanda dwar jekk l-attur u l-kollega tiegħu kinux qegħdin jużaw torċ, huwa min jeddu qal hekk:

> *«It-torch li kien qed juża kien batut, kien batut. U dana torch ta' mobile, taf inti, bozza żgħira, u dak kien l-unika mezz li seta' jagħmel indikazzjoni bih biex…. it-traffic.»*

15. Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2022 xehed Christian John Calleja, prodott mill-attur[3]. Huwa spjega li hu u l-attur huma ħbieb antiki u kienu qegħdin jinstallaw apparat relatat ma' *traffic survey,* li kienu qegħdin jagħmlu relatat ma' *Environmental Impact Assessment* (EIA). Spjega li kienu qegħdin jinstallaw tubi tar-*rubber* għat-*traffic counting* mal-art u kienu qegħdin iwaħħlu l-aħħar sett ta' tubi. Qal li l-attur kien qiegħed iwaħħal it-tubi u hu kien qiegħed jiddirezzjona t-traffiku, u li meta seħħ l-inċident kienu fit-triq, madwar metru, metru u nofs 'il barra mill-bankina.

16. Spjega ċ-ċirkostanzi tal-inċident hekk:

> *«Xejjirt it-torch bħalma kont qed nagħmel għall-vetturi l-oħrajn u ma tax kas u baqa' ġej viċin t'hawnhekk imma ħadha bid-dawra lejn iċ-ċentru tat-triq…..Ma tax kas, għedtlu John, dan mhux jagħti kas. …Għidtlu John oqgħod attent għax dan ma jridx jaf….bqajna nxejrulu u ersaqna aktar lejn il-bankina….Qbiżt lura, tfajt lil John lura imma l-kaxxa[4] għaddiet eżatt minn ħdejna…Lil John qabdu u ħadu miegħu l-isbaħ tlieta erba' metri żgur 'l hemm miegħu.»*

17. Żied jgħid li meta seħħ l-inċident l-attur kien bil-wieqfa: «*We were*

---

[3] *Fol* 50 *et seq.*
[4] Il-kaxxa tad-*delivery* li kellu l-mutur.

*standing up moving backwards and the guy did not even see us.»* Qal ukoll li f'idu kellu LED torċ li tagħti dawl qawwi ta' madwar 9 jew 12 LEDs: «*It is a very powerful torch, tasal sar-roundabout l-oħra»,* u li kemm damu jagħmlu t-tubu għaddew xi għaxar karozzi u «*kollha naqsu jew min waqaf iżżejjed*…»

18. B'referenza għar-ritratt mill-ajru meħud minn *Google Maps* li ppreżenta dakinhar stess tax-xhieda tiegħu (**Dok TJ11**)[5] huwa mmarka bl-ittra X fejn kienu qegħdin jaħdmu hu u l-attur, u bl-ittra Y fejn spiċċa l-mutur.




19. Fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2022 xehed il-konvenut Luke Anthony Saliba. Qal li qabel ma seħħ l-inċident kien lesta *delivery* bil-mutur u kien sejjer lura r-ristorant. Qal li kien ħareġ għal ġo Triq il-Professur Walter

[5] *Fol* 81.

Ganado u li l-inċident seħħ ftit l-isfel mill-bini tal-ITS. Fuq talba tad-difensur tal-attur huwa indika fuq ir-ritratt tal-ajru meħud minn *Google Maps* (Dok LS2)[6], it-triq minn fejn ħareġ bl-ittra A, u l-post fejn seħħ l-inċident bl-ittra B.




20. B'referenza għall-marki li għamel ix-xhud Calleja fuq ir-ritratt mill-ajru Dok TJ11 (ara supra), qal li ma jaqbilx mal-punt indikat bl-ittra X fejn skont Calleja kienu qed jaħdmu hu u l-attur. Sostna li, «*No, f'nofs it-triq kienu, mhux fil-ġenb*.» Fil-fatt immarka huwa stess bl-ittra Z fuq id-Dok TJ11 fejn kienu qegħdin jaħdmu u ppreċiża li, «*Huma kienu eżatt fejn hemm il-karozza l-bajda*.»

[6] *Fol* 93.

21. Enfasizza li «*it-triq kienet mudlama.*» Mistoqsi x'ra qabel ma seħħ l-impatt xehed hekk:

> *«Jiena ma rajt xejn. La kien hemm sinjali, la kien hemm informazzjoni li hawn xi nies jaħdmu u xejn….Jiena kif wasalt qisu distanza jiena u l-printer li hawn quddiemi kif imbagħad indunajt li kien ħa jkun troppo tardi biex nagħfas il-brake u nieqaf. U nsemmi wkoll li lanqas kien hemm cones mal-art biex juri li hemm xi ħadd jaħdmu.»*

22. Qal ukoll li meta ra lill-attur, «*niftakar persuna jqum minn jew minn għarkobbtejh jew minn bilqiegħda. Dik l-unika ħaġa li niftakar.*»

23. Mistoqsi f'liema naħa tat-triq seħħ l-impatt qal: «*Jiena lqattu fuq sajdi…Ma ngħidx li kien viċin il-bankina.*» Qal li wara l-impatt induna li l-attur u l-kollega tiegħu kienu lebsin *vests*: wieħed kien b'*vest* ħadra u l-ieħor b'vest oranġjo. Mistoqsi rax jekk kellhomx xi ħaġa f'idejhom wieġeb "*xejn".*

24. Kontroeżaminat[7] qal li fil-post fejn seħħ l-inċident la hemm *traffic lights* u lanqas arblu tad-dawl. Qal li t-triq tant kienet mudlama li meta waslet il-vettura tal-Pulizija din fil-fatt xegħlet it-triq. Qal li l-attur u l-kollega tiegħu kienu qegħdin jaħdmu fuq in-nofs tat-triq fuq in-naħa tax-xellug. Xehed ukoll li, «*Jekk niftakar sew, Sur Imħallef, dan kien qed jagħmilli sinjal bil-mobile*», għalkemm iktar tard fix-xhieda tiegħu ppreċiża li kien qed jagħmel referenza għar-rapport tal-pulizija fejn tniżżel li kienu qed jagħmlulu sinjal bil-*mobile*. Fil-fatt skont ir-rapport tal-Pulizija kien Calleja

[7] Fl-14 ta' Ġunju 2022, *fol* 96 *et* seq.

li ddikjara li kien qed jagħmillu sinjal, għalkemm ma speċifikax kif, ċjoè li kien b'torċ, u wisq anqas jekk kinitx torċ qawwija bid-dawl LED jew sempliċi torċ tal-mowbajl.

25. Wara li din il-Qorti xtarret il-provi, partikolarment dawn li għadha kemm għamlet referenza għalihom, issib li ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti sa fejn hija sabet lill-attur ħati biss fil-proporzjon ta' 20% għall-inċident inkwistjoni. Hija tal-fehma, minflok, li ż-żewġ partijiet għandhom iġorru l-istess proporzjon ta' ħtija, jiġifieri 50% kull wieħed

26. <u>Kwantu għall-attur</u>, il-fatt li ma assikurax ruħu li titqiegħed senjaletika effettiva bħalma huma *triangle* u *cones* sabiex jingħata preavviż tal-preżenza tiegħu u ta' Calleja f'nofs il-karreġġjata, iktar u iktar meqjus il-fatt li kienu qegħdin jaħdmu bil-lejl, fi triq li kienet pjuttost mudlama (kif anke ikkonferma l-Pulizija, li huwa xhud indipendenti), huwa tassew nuqqas serju ta' attenzjoni u preċedenza għall-ostakolu li kien qed jagħmel fit-triq u ta' dan m'għandux iġorr sempliċement 20% tar-responsabbiltà. Kif osservat l-Ewwel Qorti (u kif anke jidher mill-*aerial photo* Dok LS2) it-triq hija twila biżżejjed li tippermetti li titqiegħed senjaletika f'ċertu distanza minn fejn l-attur u Calleja kienu qegħdin jaħdmu, u dan sabiex sewwieqa li jkunu sejrin fid-direzzjoni tagħhom ikunu jafu minn qabel bil-preżenza tagħhom u sabiex konsegwentement ikunu jistgħu inaqqsu l-veloċità u anke jispostaw ruħhom iktar 'il barra mil-

bankina b'mod li meta jaslu ħdejn il-ħaddiema jkunu jistgħu jissorpassawhom bil-galbu u mingħajr periklu. Il-*high visibility vests* u t-tixjir tat-torċ qajla jistgħu jitqiesu li huma prekawzjoni effettiva u adegwata fiċ-ċirkostanzi. Minbarra dan, din il-Qorti għandha dubji serji kemm Calleja kien fil-fatt qed ixejjer "*powerful*" LED torċ. Il-verżjoni tiegħu mhux biss ma ġietx korroborata, iżda saħansitra l-Pulizija li mar fuq il-post, ftit wara li seħħ l-inċident, fix-xhieda tiegħu dehrlu li kellu jenfasizza kemm id-dawl li bih Calleja kien qed jagħti s-sinjal kien wieħed batut għaliex kien sempliċement torċ ta' mowbajl. L-Ewwel Qorti donnu dehrilha li kellha tiskarta din il-verżjoni tal-Pulizija minħabba l-fatt li huwa semma dan id-dettall dwar it-torċ mingħajr ma ġie mistoqsi fuqu. Iżda ladarba ma saret l-ebda oppożizzjoni f'dan ir-rigward min-naħa tal-avukat tal-attur, u ladarba allura tali verżjoni ġiet tifforma parti mit-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu, din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tinjoraha.

27. <u>Kwantu għall-konvenut</u>, din il-Qorti ssib li n-nuqqas ta' senjaletika effettiva da parti tal-attur ma tiskolpahx awtomatikament mill-ħtija. Tal-inqas kellu jinduna bil-*high visibility vests* li kienu lebsin l-attur u Calleja. Il-fatt li ma rax il-*high visibility vests* taż-żewġ ħaddiema (kemm jekk kienu it-tnejn bl-wieqfa, kif isostni Calleja, u kemm jekk l-attur kien kokka, kif isostni l-istess konvenut) tindika li kien xi ftit jew wisq mifxul u li ma kienx qiegħed iħares quddiem it-triq ta' quddiemu bid-dovuta attenzjoni. Kemm hu hekk, il-konvenut stess stqarr li meta huwa eventwalment ra lill-attur u

lil Calleja kien, "*troppo tardi biex nagħfas il-brake u nieqaf.*" Tassew in-nuqqas ta' attenzjoni tal-konvenut fuq it-triq u ta' dak li kellu quddiem, kienet tagħmilha aktar iebsa għall-konvenut biex imħabbat b'ostakolu fit-triq, jagħmel azzjoni evażiva f'waqtha sabiex jiġi evitat l-inċident. Dan aktar u aktar meta rriżulta li t-triq ma kinitx imdawwla kif imiss. Kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti, il-fatt li kaxkar lill-attur għal madwar erba' metri ċertament li tmil kontrih f'dan ir-rigward. Din mhijiex sempliċi "assunzjoni" min-naħa tal-Ewwel Qorti, kif jilmenta l-konvenut appellant. Għandu jingħad ukoll li dan in-nuqqas waħdu, bla ebda konsiderazzjoni tal-veloċità tal-konvenut, tenfasizza n-neċessità li l-konvenut jeżerċita prudenza u kawtela fis-sewqan tiegħu.

28. Għalhekk fid-dawl ta' tali konsiderazzjonijiet din il-Qorti ssib li ż-żewġ partijiet jaħtu għall-inċident fi <u>proporzjonijiet ugwali</u>. Isegwi li l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant huwa fondat inkwantu talab li fl-agħar ipotesi għalih għandu jiġi mnaqqas il-perċentwal ta' 80% li l-Ewwel Qorti attribwietlu bħala ħtija.

<u>It-tieni aggravju:</u>

29. Meta l-Ewwel Qorti ġiet biex tillikwida d-danni bħala *lucrum cessans*, hija qieset li l-attur fis-sottomissjonijiet tiegħu qal li huwa *surveyor*. Qieset ukoll li l-unika prova li kellha f'dan ir-rigward huwa r-

rapport mediku ta' Mr Massimo Abela. Fil-fatt l-ewwel frażi tar-rapport tiegħu taqra hekk:

> *«Mr John Tanti is a 51 year old surveyor at Maniera Group.»*

30. Kif ikkummentat l-Ewwel Qorti dan mhux biżżejjed bħala prova. Hija rrimarkat dwar il-fatt l-attur ma ħassx li għandu jixhed u wisq anqas li jressaq prova reali u kontreti dwar l-introjtu tiegħu, bħal pereżempju l-*income tax return* jew lill-impjegat tiegħu bħala xhud. Irriteniet però li n-nuqqas ta' tali prova ma jipprekludihiex milli tagħmel valutazzjoni ekwitattiva u spjegat li "*minn riċerka li għamlet*" irriżultalha li l-paga medja ta' *surveyor* għas-sena tal-inċident kien ta' €22,000. Għalhekk għamlet il-kalkolazzjonijiet tagħha fuq tali figura.

31. Il-konvenut appellant ħassu aggravat bil-fatt li l-Ewwel Qorti qabdet u ffissat ammont arbitrali għal dak li jirrigwarda l-*multiplier*, biex b'hekk illikwidat is-somma finali dovuta bħala *lucrum cessans* fl-ammont ta' €9,791. Jilmenta li dak li għamlet l-Ewwel Qorti huwa kompletament żbaljat għaliex hija ma tistax minn jeddha, minħabba nuqqasijiet attribwibbli lill-attur appellat, tagħmel riċerka (id-dettalji ta' liema mhumiex magħrufa) lil hemm mill-atti proċesswali, u mingħajr ma tali riċerka ma tkun ikkontrollata mill-partijiet.

32. Barra minn hekk, jaċċenna għal dik il-parti tan-nota tas-sottomissjonijiet tal-attur stess fejn spjega bl-iktar mod ċar is-segwenti:

> *«30. Illi l-esponenti kien jaħdem bħala part-time self employed però dak iż-żmien ma kienx qiegħed jaħdem b'mod regolari u kien jirrikorri fuq biċċa xogħol kif kien jinzerta f'dan il-każ skont x'jinqala', kif fil-fatt kien jagħmel meta seħħ l-inċident stradali.»*

33. Fil-fatt din il-Qorti tinnota li x-xhud Calleja fix-xhieda tiegħu kien spjega li huwa jaħdem bħala *acoustic consultant* u li "*meta kien ikun hemm bżonn*" kien iqabbad lill-attur jgħinu fid-"*drawings jew traffic"* u ta' dan kien iħallsu. Dakinhar tal-inċident l-attur kien qiegħed propju jgħin lil Calleja fl-*Environmental Impact Assessment* (EIA), li dan tal-aħħar ġie inkarigat jagħmel minn "DB", Silvio Debono.

34. Fl-istess nota ta' sottomissjonijiet l-attur appellat kompla hekk:

> *«32. Illi f'każijiet bħal dawn il-Qrati tagħna jaħdmu fuq il-minimum wage ta' dak iż-żmien li fl-2017 kienet l-ammont ta' €172.76 fil-ġimgħa u liema minimum wage baqgħet tiżdied gradwalment kull sena.*
>
> *[…]*
>
> *42. …l-esponenti jtenni umilment illi qliegħ lucrum cessans f'dan il-każ għandu jkun ta' €15,000 fis-sena – ftit iżjed mill-minimum wage kkalkolat fl-2002 u ċjoè €10,022.40 fis-sena sabiex dan ikopri wkoll l-introjtu tax-xogħol konsistenti f'surveys u traffic counts li huwa kien jagħmel qabel ma sofra din id-debilità permanenti.»*

35. Għalhekk jirriżulta li l-Ewwel Qorti saħanistra ħadet qies ta' telf ta' qligħ ta' €7,000 iktar minn dak li kien qiegħed jippretendi l-attur stess (€15,000).

36. Din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-attur naqas milli jressaq provi konkreti ta' kemm kien qiegħed idaħħal flus mix-xogħol li kien qiegħed

jagħmel, li skont l-istess nota ta' sottomissjonijiet tiegħu kien xogħol *part-time* u mhux regolari iżda skont kif jinzerta, it-telf ta' qligħ għandu jirrappreżenta l-paga minima nazzjonali, kif fil-fatt isostni l-konvenut appellant.

37. Fis-sena 2017 il-paga minima nazzjonali kienet ta' €169.76 fil-ġimgħa, ċjoè ta' €8,827.52[8] fis-sena. Jekk wieħed jissostitwixxi t-telf ta' qligħ meħud mill-Ewwel Qorti (€22,000) bil-figura ta' €8,827.52[9], dan iwassal għas-somma ta' €2,455.32.

| | |
|---|---|
| Introjtu 2017 (paga minima nazzjonali) | €8,827.52 |
| x *multiplier* ta' 16 (€8,827.52 x 16) | €141,240.32 |
| - 18% lump sum (€141,240.32 - €25,423.26) | €115,817.06 |
| x 4% diżabbiltà (0.04 x €115,817.06) | €4,632.68 |
| + 6% inflazzjoni (€4,632.68 + €277.96) | €4,910.64 |
| ÷ 2 (50% responsabbiltà) | **€2,455.32** |

38. Għalhekk it-tieni aggravju tal-konvenut appellant jirriżulta fondat u konsegwentement id-danni li għandu jħallas lill-attur bħala *lucrum cessans* huma fl-ammont ta' €2,455.32 u mhux fl-ammont ta' €9,791 kif

[8] Jiġi ppreċiżat li għalkemm il-konvenut appellant sostna li l-paga minima annwali għas-sena 2017 hija ta' **€8,148.48** dan mhux korrett, għaliex il-paga minima annwali għas-sena 2017 fil-fatt hija ta' **€8,827.52**. Huwa wasal għal din iċ-ċifra (żbaljata) ta' €8,148,48 għaliex immultiplika l-paga minima ta' "xahar" (skont hu €679.04) b'12-il xahar. Però ċ-ċifra ta' €679.04 ma tirrappreżentax il-paga minima ta' "xahar" iżda ta' 4 ġimgħat (€169.76 x 4) u għalhekk kellu jimmultiplikaha bi 13 (li jwassal għal €8,827.52) u mhux bi 12 (li jwassal għal €8,148.48). Iċ-ċifra ta' €8,128.48 li wasal għalih fil-fatt tirrappreżenta paga ta' 48 ġimgħa u mhux ta' 52 ġimgħa.
[9] Il-konvenut appellant mhux qiegħed joġġezzjona għall-kriterji l-oħra li fuqhom l-ewwel Qorti ħadmet id-danni *lucrum cessans.*

ikkalkulat l-Ewwel Qorti.

**Deċiżjoni**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda **tilqa'** l-appell tal-konvenut appellant u b'hekk qiegħda tvarja s-sentenza appellata billi tiddikjara: (i) li l-konvenut Luke Anthony Saliba huwa responsabbli fi grad ta' 50% u mhux fi grad ta' 80% għall-inċident li seħħ fit-12 ta' Mejju 2017; u (ii) li l-konvenut Luke Anthony Saliba għandu jħallas lill-attur John Tanti s-somma ta' €2,455.32 u mhux is-somma ta' €9,791 bħala danni b'riżultat ta' dan l-inċident, bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet; filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu hekk: (i) sehem wieħed minn erbgħa (1/4) mill-konvenut Luke Anthony Saliba u tliet ishma minn erbgħa (3/4) mill-attur John Tanti.

| Mark Chetcuti | Christian Falzon Scerri | Josette Demicoli |
| --- | --- | --- |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss